MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2013

Numru. 189/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Chris Pullicino**

**VS**

**Simon Mallia, iben Orlando u Grace nee' Schiavone, imwieled Tal Pieta' nhar il-11 ta' Gunju, 1971, residenti fil-fond numru 12, Triq ic-Cifa, Dingli, detentur tal-karta tal-identita' numru 260971M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Simon Mallia** li gie akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, nhar l-10 ta' Awwissu, 2002, u fil-jiem ta' qabel din id-data xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew

xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom, liema affarijiet jiswew aktar minn mitt lira Maltin (Lm100.00) izda ma jaqbzux l-elf lira Maltin (Lm1,000.00).

Fl-ewwel lok semghet lill-Ispettur Chris Pullicino dwar l-investigazzjoni li skalat fuq serqa ta' tliet rettili iguanas minn gewwa l-Mediterraneo Marine Park. Mill-investigazzjoni rrizulta li persuna kienet bieghet dawn l-iguanas lill-imputat. Ghalhekk saret tfittxija ghand dan l-istess imputat, li ndikalu li dawn ir-rettili kienu qeghdin fuq il-bejt. Ezebixxa wkoll l-istqarrija tal-imputat li pero ttiehdet fis-sena 2002 – allura minghajr l-assistenza legali. F'dak iz-zmien l-imputat kellu wiehed u tletin(31) sena, u kien gia' nstab hati ta' zewg kontravenzjonijiet u reat fir-rigward ta' licenzji u insurance.

Minn naha tieghu Sheldon Micallef xehed illi mill-park imsemmi, fejn jitrabbew diversi tipi ta' annimali differenti, meta marru filghodu biex jifthu l-enclosures biex johorgu l-annimali, sabu l-enclosure tal-iguanas sgassat. Sabu wkoll il-lock fejn jinzammu dawn ir-rettili miksurin. L-iguanas kienu neqsin. Dawn kienu green iguanas. Zied ukoll illi dawn kienu jintgharfu ghaliex kellhom xi toes nieqsa u anke wahda minnhom kellha discolouration fuqha. Fiehem illi dawn kienu mdorrijin hafna man-nies. Tahom stima ta' erba' mitt lira Maltin(Lm400.00) bejniethom. Skondtu qabel ma telqu mill-park kienu f'kundizzjoni perfetta.

Dr Victor Vassallo kien gie mahtur fl-Inkjesta biex wara li gew misjuba l-iguanas, hu bhala veterinarju jaghti valur taghhom. Spjega li kienu fi stat tajjeb, mizmumin sew, ghalhekk tahom il-valur komplessiv ta' mitejn lira Maltin (Lm200.00)-il wiehed.

PC 59 Martin Mifsud xehed illi certu Renald Barbara, kien indikalhom lil min kien biegh l-iguanas. Qal illi meta marru fir-residenza sabu ghand Mallia rettili ohra, pero huma riedu biss l-iguanas.

In kontro ezami l-Ispettur Chris Pullicino kkonferma li l-iguanas misjuba kienu jidhru fi stat tajjeb u mizmumin tajjeb hafna.

Xehed minn jeddu l-imputat. Spjega li meta gew ghandu l-iguanas, dawn kienu fi stat kwazi ta' mewt. Damu ghandu erba'(4) xhur qabel ma gew elevati mill-pulizija. In kontro ezami saritlu referenza ghall-istqarrija. Wiegeb illi hu ghalkemm donnu ma kinx jafda lil Renald Barbara, kien staqsieh jekk kinux misruqin - kienu wiegbu le, u xtrahom.

Ikkkunsidrat:

Illi skont ma xehed l-Ispettur Chris Pullicino, din is-serqa sehhet fid-19 ta' Mejju, 2002, u l-iguanas instabu f'Awwissu 9 – 10. Ghalhekk ghaddew tlitt xhur minn meta nsterqu u nstabu. Ma jaghmilx sens allura dak illi xehed l-imputat – illi l-iguanas kienu ilhom ghandu erba'(4) xhur. Jekk l-iguanas telqu – ghax insterqu mill-park fi stat tajjeb skont Mallia, ma tistax tifhem il-Qorti fejn spiccaw fi stat hazin biex imbaghad beda jerga' jindukrahom l-imputat. Iz-zminijiet li ta l-imputat, fil-fatt ma jikkombacux maz-zminijiet reali. Tfakkar il-Qorti, illi tlitt xhur wara li nstabu, l-iguanas kienu skont Dr Vassallo fi stat tajjeb hafna, mizmumin sew. Oltre dan, l-imputat jghid illi hu ma kinx jafda lil Barbara, anzi viva voce jghid li beza' jixtriehom, ghax beza' li jkunu miruqin jew haga ohra. Juri dan illi l-imputat kien jaf jew ahjar kellu suspett sew illi l-provenjenza tal-iguanas kienet wahda dubbjuza.

Ghaldaqstant din il-Qorti, qieghda ssibu lill-imsemmi Simon Mallia hati ta' ricettazzjoni, wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dwar il-piena, qieset pero li hu kkopera mal-pulizija, u ghaldaqstant qieghda tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sena(1) sospiza ghal sentejn(2), u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------